MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru 552/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**JESMOND BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Bugeja ta’ 42 sena, iben Alfred u Doris imwielda Ellul, imwielda Pieta’ fil-15 ta’ Settembru 1966, residenti gewwa Ward 3A, Sptar Monte Carmeli, Attard u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 393766(M).

Illi huwa akkuzat talli gewwa H’Attard u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, *ommissis* u fil-granet ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1) B’eghmil zieni, ikkorrompa lill-persuna taht l-eta’ u cioe lil *Ommissis A*, minuri ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena;
2) Ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta’ u cioe *Ommissis A* ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena;
3) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-imsemmija minuri *Ommissis A*;
4) Irrenda ruhu recidiv b’sentenzi moghtija minn diversi Qrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija mitluba illi tapplika l-provedimenti tal-Ligi a terminu ta’ l-Artikolu 412C et. sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta’ protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta’ membru domestiku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 14 ta’ Dicembru, 2009 (a fol.16 u fol.18);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Jesmond Bugeja**, hati skond l-akkuza u wara li rat

Artikoli 203, 204C, 207, 49, 50, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin**.

In oltre', tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett snin u dana taht Probation Officer Ivan Sultana, liema Probation Officer diga' kien addett ma' l-imputat.

Di piu', ai termini ta' l-Artikoli 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order u dana ghal perijodu ta' tmintax (18)-il xahar, taht il-kura ta' Dr. David Cassar, taht il-modalitajiet, kondizzjonijiet u medicinali li jidhirlu xieraq.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu, il-fatt illi l-minuri kienet ghalqet *ommissis* (*ommissis*)-il sena u l-fatt illi hija ippartecipat minn jhedda u kienet konsententi ghal dak kollu li gara.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u lil Dr. David Cassar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------